**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 27 ta' Ottubru, 2021**

**Mandat Nru: 711/2021/1 AF**

**Anthony Micallef u Marthese Micallef**

**vs**

**Brian Azzopardi**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Anthony Micallef u Marthese Micallef, li permezz tiegħu, għar-raġunijiet mogħtija, talbu lil din il-Qorti zzomm lill-intimat Brian Azzopardi milli jħaffru, jizkavaw, jikkostruwixxu u/jew jizviluppaw jew jagħmlu xogħol ta' kwalsiasi tip f'boghod ta' anqas minn zewg piedi u nofs (76cm) mill-hajt divizorju bejn il-proprjetà tar-rikorrenti u dik adjacenti kif ukoll milli jagħmel kwalsiasi tip ta' zvilupp, bini jew kostruzzjoni fil-plot

adjacenti għall-fond numru 260, Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, b'tali mod li jimpedixxi, jfixkel jew iwaqqaf x-xogħolijiet li huma meħtieġa sabiex il-fond 258/259, Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar jibqa' kompletament distint u separat mill-proprjetà adjacenti.

Rat id-digriet precedenti.

Rat ir-risposta ta' Brian Azzopardi.

Semgħet lid-difensuri.

Rat li r-rikors tħalla sabiex jiġi deġretat in camera.

Ikkunsidrat illi l-Art. 873 jipprovdi illi:

> *"(1) L-iskop tal-mandat ta' inibizzjoni hu dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tkun li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat.*
>
> *(2) Il-qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrenti prima facie jidher li għandu dawk il-jeddijiet."*

L-insenjament ta' dawn il-Qrati fir-rigward huwa car u ben stabbilit.

Il-Qorti qieset il-fattispecie ta' dan il-kaz fid-dawl ta' dan u sssib illi mad-daqqa t'għajn ir-rikorrenti ma għandux id-drittijiet li jsostni li jgawdi. Ma għandu ebda jedd izomm lill-intimat milli jagħmel zvilupp ta' bini biswit il-proprjetà tiegħu. Ma jirrizultax illi ser isir l-iskavar projbit mil-ligi. Lanqas ma jirrizulta illi ser isiru xi xogħolijiet li b'xi mod ser jimpedixxu lir-rikorrenti milli jizviluppaw il-proprjetà tagħhom.

Il-Qorti tinnota li ebda wieħed mill-partijiet ma ressaq mqar dokument tekniku wieħed in sostenn tat-talba tar-rikorrenti jew tal-oggezzjoni min-naħa tal-intimat.

F'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti tqis li r-rikorrenti ma rnexxilux jissodisfa r-rekwiziti fuqu mposti bil-ligi.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tirrevoka *contrario imperio* d-digriet taghha tat-12 ta' Mejju 2021, tichad definittivament it-talbiet ta' Anthony Micallef u Marthese Micallef.

L-ispejjez ta' din il-procedura jithallsu minn Anthony Micallef u Marthese Micallef.

IMHALLEF